**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Robert Attila Majlat**
**Robert Attilane Majlat**

**Kumpilazzjoni 511/2017**
**Illum tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Robert Attila Majlat**, imwieled gewwa Miskolc, l-Ungerija nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju 1978 u residenti 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' Ungeriza bin-numru 199275 LA u kontra l-imputata

**<u>Robert Attilane Majlat nee Omissis Inez Aniko</u>**, imwielda gewwa Miskolc, l-Ungerija, nhar l-erbgha (4) ta' Lulju 1983 u residenti 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar, u detentrici tal-karta tal-identita ungeriza bin-numru 257057 LA fejn gew akkuzati talli f' diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fl- 14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Bi vjolenza u theddid, inkluz is-serq ta'persuna, b'qerq jew ingann, uzu hazin ta' awtorita, influwenza jew pressjoni, u biili taw jew ircivew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna ohra, ittraffikaw persuni ta' eta' u cioe lil Omissis u Omissis bil-ghan li dawn il-persuni jigu sfruttati fil-produzzjoni ta' oggetti jew fl-ghoti ta' servizzi u kif ukoll ghall-prostituzzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 248A, 248B u 248D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar fl-14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data biex jissodisfaw iz-zina ta' haddiehor, gieghlu bil-vjolenza jew hajjru b'qerq persuni ta' eta' u cioe lil Omissis u Omissis ghall-prostituzzjoni, liema delitt sar bhala drawwa u bi hsieb ta' qliegh;

3. U aktar talli xjentement ghexu ghal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' xi persuna ohra;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali;

5. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, allogg jew lukanda jew appartament privat u hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet mmorali;

6. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba taghhom ikkagunaw lill- Omissis u Omissis il-biza li ser tintuza l-vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap. 9;

7. U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi lil Robert Attila Majlat wahdu b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi bi vjolenza ikkometta stupru fuq il-persuna ta' Omissis;

8. U akkuzati ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer irrendew ruhhom recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 ral-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta wara li gew misjuba hatja

b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, joghgobha tordna wkoll l-konfiska ta' oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti ukoll gentilment giet mitluba li sabiex waqt il mori tal-kawza tohrog Ordni ta' Imblukkar tal-Propjeta ta'l-akkuzati ai termini tal-artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi , tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti , jekk ikun il kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet finalment mitluba ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-Kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa fil-konfront ta' Omissis u Omissis u l-membri familjari taghhom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 357) datata 18 ta' Gunju 2018 li permezz taghha baghat lill-imputati Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

Fir-Rigward ta' Robert Attila Majlat:

- Fl-Artikoli 248A(1) (a) (2) (3), 248B, 248 E (1) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikili 205(a) (b), 251 B, 222(1) (a), 202 (h) (v) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 7 (1) (3), 8 (1) (3), 9, 10 u 18 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382 A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fir-Rigward ta' Robert Attilane Majlat:

- Fl-Artikoli 248A(1) (a) (2) (3), 248B, 248 E (1) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikili 205(a) (b), 251 B, 222(1) (a), 202 (h) (v) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 7 (1) (3), 8 (1) (3), 9, 10 u 18 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382 A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat illi, waqt l-udjenza tat-tmintax (18) ta' Ottubru 2018 (*a fol. 366)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-tmintax (18) ta' Gunju 2018, f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni, ix-xhieda tal-imputati li minn jeddhom ghazlu li jiehdu l-pedana tax-xhieda kif wkoll ix-xhieda imressqa mid-difiza.

Rat id-digriet kollha taghha moghtija fl-atti ta' dan il-procediment.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-*parte civile* u l-prosekuzzjoni pprezenta fl-ewwel (1) ta' Ottubru 2019 kif wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati prezentata fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2019.

**<u>Rijassunt tax-Xhieda</u>**

Qabel xejn din il-Qorti tqis li jkun opportun li jsir rijassunt tax-xhieda kollha li instemghu fl-atti ta' dan il-kaz.

**Omissis** (Fol. 32 et seq) tal-process xehdet li hija saret taf lill-imputat meta hija ghad kellha dsatax -il sena. Hija kienet qieghda tahdem bhala prostituta ma' xi hadd iehor. Hija mbaghad spiccat tahdem għall-imputat wara li dan xtraha minghand persuna ohra. Spjegat li hija hadmet f'diversi pajjizi bhala prostituta u l-flus li kienet taqla' kienet tghaddihom lill-imputat. Ix-xhud kienet tmur kull fejn kienu jmorru l-imputati. L-imputata Robert Attilane Majlat (li x-xhud tirreferi ghaliha bhala Anico[1]) kienet taghmel l-arrangamenti necessarji sabiex il-klijenti jkunu jistghu jiehdu servizzi sesswali minghand ix-xhud. Sahanistra ghamlet website bl-informazzjoni fejn setghu isiru l-kuntatti bir-ritratti tat-tfajliet. Barra minn hekk kienet Anico li tiddetermina l-prezzijiet ghas-servizzi li kienu jinghataw. Il-flus li kienu jaqilghu kienu imbaghad jghadduhom lill-imputat u huma ma kienu jzommu xejn. Jekk kien ikollhom bzonn xi haga, l-imputat kien jixtriha ghalihom ghax huma ma kienx ikollhom flus x'jonfqu. B'kollox kien hemm tlett nisa li kienu qeghdin jahdmu precizament ix-xhud, Omissis u tfalja ohra jisimha Omissis li ma kintix ghadha aktar Malta.

Ix-xhud kompliet tispjega li hija kienet giet Malta ghall-ewwel darba f'Awwissu 2016. Pero s-sid tal-appartament li minn ghandu kienu qeghdin jikru kien induna li l-appartament kien qieghed jintuza ghall-skopijiet ta' prostituzzjoni u dawn kellhom jaharbu minn Malta. Regghu imbaghad gew lura Malta ftit qabel Settembru 2017. Hija kienet tara mal-hmistax -il klijent kuljum u kienet taghmel dak li kienu jkunu jridu l-klijenti u dan skont kif kienet tghidilha l-imputata. Ma' kull tfajla kien

[1] Anico huwa isem l-imputata ta' xebba.

hemm abbinat reklam u numru tat-telefon cellulari. Dan it-telefon kien ikun f'idejn l-imputata u kienet hi li kienet twiegeb ghall-messaggi bl-Ingliz.

Ix-xhud qalet wkoll li hija kienet imgieghla jkollha relazzjoni sesswali mal-imputat kontra l-volonta taghha. Ghalkemm hija xtaqet li tohrog minn dan ic-cirku, hija kienet inkwetata ghat-tarbija ta' tmien xhur li kellha ghax ma kienx sejjer ikollha biex tghajjixha.

**<u>In kontro-ezami</u>** ix-xhud ikkonfermat li hija kienet ilha mal-imputati sa minn meta kellha dsatax -il sena. Hi kienet tghix fil-post fejn kien joffru servizzi ta' prostituzzjoni. Izda imbaghad meta kellha t-tarbija bdiet tghix maghhom. Ikkonfermat li ma' Robert kienet marret f'diversi pajjizi fosthom l-Ingilterra, l-Olanda, l-Unigerija u Malta. Kien l-imputat stess li kien jixtrilha l-biljetti. F'Malta kienet toqghod mal-imputati u binthom u meta kien ikollha l-klijenti kienet tmur fl-appartament biex taqdi l-klijenti u terga' lura. Regghet sostniet wkoll li Anico kienet tiehu hsieb ir-reklami kif wkoll il-kuntatti telefonici mal-klijenti. F'kull pajjiz li kienu jmorru kienu jixtru l-linji ta' dak il-pajjiz.

**Omissis** (Fol. 47) ipprezentat t-traskrizzjoni tal-istqarrijiet li l-Pulizija kienu hadu liz-zewg imputati. Robert Attilane Majlat stqarret mal-Pulizija li hija kienet qieghda tahdem bhala cleaner u li r-ragel taghha ma jahdimx. Kellu pero' negozju barra minn Malta u kull hmistax kien jircievi xi flus. Omissis u Omissis ma kinitx taf x-xoghol jaghmlu ghalkemm kellha suspett li setghu kienu prostituti. Dan wara li ghenithom ipoggu xi ritratti fuq xi site. Ghalkemm ir-ritratti kienu

qeghdin fuq il-mobile taghha, l-imputata stqarret li dawn ma kinitx hadithom hi. Hija cahdet wkoll li kienet ghamlet xi reklami bl-Ingliz ghas-site fejn tpoggew ir-ritratti u li dawn ir-riklami kienu gia hemm. Rigward it-telefons cellulari li kien hemm, hija indikat li dawn kienu ta' Omissis.

Fit-tieni stqarrija taghha Robert Attilane Majlat cahdet li hija kienet qieghda twiegeb telefonati u smses bl-Ingliz ta' klijenti li kienu jcemplu fuq diversi mobiles biex jiehdu appuntamenti ghall-attivitajiet sesswali. Kompliet tichad li dawn il-mobiles kienu taghha minkejja li kienu jidhru filmati fejn hija tidher taghmel uzu minn dawn il-mobiles. Issostni li kienet qed tirranga l-hin. Hija saret taf li Omissis kienet prostituta meta Omissis talbitha itella' xi ritratti fuq l-internet. Minkejja li Attilane qaltilha li dak li kienet qieghda taghmel ma kienx sewwa, xorta ghenitha ttella' r-ritratti. Sostniet wkoll li sa ftit granet aktar qabel hija ma kinitx taf li Omissisu kienu prostituti. Dan minkejja li hija kienet izzomm it-tarbija ta' Omissis.

Rigward il-qliegh taghha, Omissis qalet li hija kienet rceviet erba' cekkijiet tal-paga b'kollox erbat elef ewro (€4,000). Dawn il-flus intuzaw biex tithallas il-kera. Mistoqsija kif allura kienu qed jghixu, hija sostniet li zewgha Robert kien qed jircievu l-flus. Omissis ikkonfermat wkoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn hija kienet baghtet flus barra minn Malta. Rigward il-flus li Omissis baghtet lil Robert, Anico sostniet li Omissis kienet ghamlet dan biex Robert jkun jista' jibghat il-flus direttament barra minhabba t-tfal li kienu fil-foster homes.

Fl-istqarrija tieghu Robert Attila Majlat qal lill-Pulizija li huwa ma kienx jahdem hawn Malta. Huwa kien jircievi mal-mitt ewro (€100) kuljum min-negozju li kellu barra minn Malta pero dan l-ahhar xahar ma kienx rcieva flus. Ikkonferma li Omissisu t-tarbija kienu joqghodu maghhom fl-istess appartament li tieghu ihallas kera ta' elf ewro (€1,000) fix-xahar. Omissisma kinitx qed tahdem filwaqt li Omissis ma kienx jaf jekk kinitx qed tahdem jew le. Rigward Omissis kompla jghid li martu hadet appartament f'isimha peress li Omissis ma kinitx taf titkellem bl-Ingliz. Sostna wkoll li Omissis lanqas ma kienet qed titkellem bl-Ingliz. Lejn l-ahhar tal-istqarrija hu ta x'jifhem li kien konxju li martu kienet qed tghinhom biex ikollhom kuntatt ma' klijenti ghal servizzi sesswali peress li kif kien qal kemm Omissis kif wkoll Omissis ma kinux jitkellmu bl-Ingliz. Pero hu f'din il-kwisjtoni qatt ma dahal. Sostna wkoll li Omissisa hija mignuna.

Is-social worker **Silvana Calleja** (Fol 187 et seq) xehdet li fid-19 ta' Dicembru 2017 hija kienet kellmet lil Omissis. Din infurmatha li kienet qed tircievi theddid minghand familjari tal-akkuzati. Omissis tigi oht Anico min-naha tal-missier u l-istess missier kien qed jaghmel pressjoni fuqha biex hija tirtira l-kaz u tichad li hija kienet ghaddiet minn certa affarijiet. Sar anke theddid fuq hajjitha u kienet wkoll qieghda tibza' ghat-tfal taghha li kienu qeghdin l-Ungerija.

**Omissis** (Fol. 189 et seq) xehdet li fl-2016 hija kienet giet Malta ghax ohtha kienet weghditha hajja ahjar biex hija tkun tista iggib it-tfal lura li kienu ittiehdu lilha u li kienu qeghdin ghand foster families. Dan billi hija toffri pjaciri sesswali lin-nies. Anico kienet tiehu hsieb l-appuntamenti u

tghidilha fejn tmur u ma tmurx. Kienet tiehu hsieb Anico ghaliex hija ma kinitx taf bl-Ingliz. Anico wkoll kienet tghidilha kemm riedet izzomm flus. Il-flus imbaghad kienet tghaddihom kollha lil Anico. Ix-xhud qalet li ma kienx ikollha flus biex tixtri l-affarijiet u dak li kien ikollha bzonn kienu jixtruhulha l-imputati. Kienet tara mal-hames u sitt persuni kuljum u kienet izzomm madwar mitt ewro (€ 100) is-siegha. Rigward Omissis, ix-xhud qalet li din kienet waslet Malta wara li kienet waslet hi flimkien ma' xi tfajliet ohra. Omissis u t-tfajliet l-ohra kienu qeghdin jaghmlu l-istess xoghol ta' Omissis. Rigward il-flus dawn setghu izommu nofshom, bin-nofs l-iehor jghaddi lil Robert u martu. Hi ma setghet izzomm xejn ghax kienet tigi minnhom. Meta kien jkunu burdata hazina, Robert u Anico kienu jghajtu maghha u gieli wkoll refghu idejhom fuqha. Temmet tghid li hija kienet giet kuntattjata minn missierha (li huwa wkoll missier Anico) biex hija ma tixhidx biex ma titfax lil ohtha fil-habs. Ix-xhud ikkonfermat wkoll l-identita tal-imputati.

**Omissis** bint l-imputati ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

**Omissis** (Fol. 210 et seq) xehed li FexServ Financial Services hija r-rapprezentanta tal-Western Union f'Malta. Huwa ghamel ricerka dwar flus li l-imputati baghtu u rcievew permezz tal-Western Union. Huwa ipprezenta d-dokumenti relattivi li jikkonfermaw dawn it-transazzjonijiet.

**Omissis** (Fol 242 et seq) xehed li Robert Attilane Majlat ghandha tifla bl-isem ta' Omissisli kienet qieghda tattendi l-Kullegg Maria Regina. In-numru tat-telefon li kien gie mghoddi lill-iskola sabiex l-iskola

tikkuntattja lill-ġenituri kien 79341319. L-attendenza ta' Omississhija waħda regolari u hija tifla eżemplari. Qabel dan il-Kulleġġ hija kienet qiegħda tattendi l-Mosta Sekondarja Żoqrija. Meta daħlet f'din l-iskola n-numru li ingħata kien 79265108.

**Omissis** (Fol. 246 et seq) flimkien ma' martu **Omissis** xehdu li huma għandhom blokka ta' tmien (8) appartamenti fi Triq Efesu, San Pawl il-Baħar. Il-blokka jisimha Caroline Flats. Huma jikru dawn l-appartamenti. Huma għarfu l-imputati fl-awla bħala l-persuni li kienu krewlhom il-flat numru tmienja (8). Għall-kirja kienu irrangaw mal-imputata u kienet hi li kienet tħallashom. Fl-appartament kienu joqogħdu l-imputati, t-tifla tagħhom u tfajla oħra li kellha tarbija. **In kontro-eżami** qalu li t-tfajla ma kinux jafu x'jisimha. Pero' kienu jafu li ma kinitx titkellem bl-Ingliż u kellha tarbija.

**Omissis** (Fol. 259) xehed li f'Novembru 2017 il-pulizija rċeviet informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Inglizi li ċertu Robert Attila Majlat u martu Robert Attilane Majlat (li meta kienet xebba kien jisimha Anico) kienu qegħdin jiġġestixxu attivitajiet ta' prostituzzjoni minn appartament. Ġie stabbilit li l-imputati kienu jgħixu f'appartament u x-xogħol ta' prostituzzjoni kien qed issir f'appartament ieħor. Fl-14 ta' Novembru 2017 saret tfittxija f'appartament minnhom minn fejn irriżulta li f'dan l-appartament kienu jirrisjedu l-imputati, binthom, Omissis flimkien ma' tarbija u Omissis. Il-Pulizija skopriet wkoll li kien hemm web-site b'ritratti provokanti u sesswali ta' Omissis u Omissis li fiha kien hemm wkoll diversi numri tat-telefon. Numru tat-telefon minnhom kien l-istess numru li l-imputata kienet tat għall-iskola ta' bintha. Omissis u

Omissis ma kinux jafu jaqraw bl-Ingliz. Allura Anico l-imputata kienet tiehu hsieb li hija tikkomunika mal-klijenti u tiftiehem maghhom il-prezz, hin u post. Anico kienet imbaghad taghti l-istruzzjonijiet lil Omissis jew lil Omissis u tghidilhom x'kellhom jaghmlu u x'kellhom jigbru flus. Il-flus li kienu jigbru kienu jghadduhom lill-imputat u dan kien jipprovdilhom saqaf fuq rashom u l-bzonnijiet taghhom ghall-hajja ta' kuljum. Meta giet mitkellma mill-Pulizija, Omissis ziedet tghid wkoll li hija kienet giet abbuzata sesswalment mill-imputat u minhabba hekk kienet anke iggieldet mal-mara tieghu. Omissis qalet wkoll lill-Pulizija li hija kienet giet mixtrija mill-imputat meta kien ghad ghandha dsatax (19) -il sena. L-imputat cahdu l-involviment taghhom f'dak li kien ghaddej.

**In kontro-ezami** Omissis ikkonferma li l-imputata kienet tahdem bhala hassiela f'lukanda filwaqt li l-imputat ma kienx qieghed jahdem. Spjega wkoll li kien hemm zewg appartamenti: f'wiehed minnhom kienu jghixu l-imputati u t-tfajliet filwaqt li l-iehor kien jintuza biex jigu offruti favuri sesswali minnu. L-appartament minn fejn kienu jigu offruti dawn is-servizzi sesswali ma kienx abbandunat. Zied jghid wkoll li tal-anqas wahda mit-tfajliet kienet ticcaqlaq meta kienu jiccaqalqu l-imputati. It-tfajla l-ohra kienet tigi fil-post fejn kienu jkunu wara. Temm jghid li l-Pulizija kienet stabbiliet fejn kienu qeghdin joqoghdu l-parte civile mill-osservazzjonijiet li kienu ghamlu.

**Omissis** (Fol. 272) xehed Ii fil-11 ta' Novembru 2017 hu flimkien ma' Pulizija ohra kienu gew assenjati biex jaghmlu osservazzjoni fuq il-persuna ta' Omissis. Omissis qatt ma dehret tohrog mill-fond 37, Triq Efesu, Bugibba. Pero kienet dehret diehla u hierga kemm -il darba mill-

istess fond tfajla bi track suit roza u xagharha isfar. Fl-14 ta' Novembru 2017 ix-xhud flimkien mal-Ispettur Omissis u Pulizija ohra ghamlu tfittxija fil-fond 37, Triq Efesu, Bugibba. Meta marru fil-fond imsemmi l-Pulizija sabu liz-zewg imputati, lil Omissis u lil zewg tfajliet ohra li x-xhud gia kien familjari maghhom peress li precedentement kienet saret investigazzjoni fuq sit elettroniku li kien qed jirreklama servizzi sesswali. Iz-zewg tfajliet in kwistjoni kienu Omissis u Omissis. Minn hemmhekk ix-xhud flimkien ma' Pulizija ohra baqghu sejrin f'appartament fi Triq San Gilormu fejn allegatament kienet toqghod Omissis. Fl-appartament instabu diversi affarijiet relatati ma' atti sesswali kif wkoll instabu diversi xugamani fl-art.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 280) xehed li fl-14 ta' Novembru 2017 waqt tfittxija li saret fl-indirizz Flat 8, 37, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar huwa kien sab credit card fil-kamra tas-sodda tal-imputata.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 282 et seq) xehdet li fil-11 ta' Novembru 2017 kienet inghatat struzzjonijiet biex issegwi l-movimenti ta' certa Omissis. Kellhom joqoghdu ghassa biex jaraw jekk Omissis tohrogx mill-appartament bl-indirizz 37, Triq Efesu, Bugibba. Lil Omissis ma kinux rawha. Pero' mill-istess appartament kienu raw diehla u hierga kemm -il darba tfajla ohra. Fl-14 ta' Novembru 2017 regghu wkoll marru biex isegwu l-movimenti ta' Omissis. Pero' lil Omissis ma rawhiex. Raw pero l-istess tfajla diehla u hierga mill-istess appartament. Wara nofsinhar ta' dik l-istess gurnata, ix-xhud flimkien mal-Ispettur Spiteri u Pulizija ohra dahlu jaghmlu tfittxija fl-appartament fi Triq Efesu. X'hin dahlu fil-post kien hemm mara u ragel, tlett tfajliet u tarbija. Mill-kamra tas-sodda gew elevati xi mobiles.

Aktar tard f'dik l-istess gurnata saret tfittxija ohra f'appartament fi Triq San Gilormu, Bugibba fil-presenza ta' Omissis. Minn dan l-appartament gew elevati affarijiet relatati ma' massage parlours.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 284 et seq) xehed li huwa kien hareg ma' Omissis.[2] Hu kien ikkomunika maghha permezz ta' numru tat-telefon li kien sab fuq l-internet. Kien cempel u saqsa l-prezz u anke fejn kellu jmur. Spjega wkoll li huwa kien tkellem bl-Ingliz. Huwa gharaf wkoll lil Omissis.[3] Qal li dawn iz-zewg tfajliet kienu jghixu ma' xulxin. Huwa kien mar fl-apparatament ma' Omissis fejn kellu x'jaqsam maghha. Fl-istess appartament kien hemm Omissis ma' xi hadd iehor.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 287) xehed li xi xhur aktar qabel kien sab web-site li kienet tirreklama attivitajiet sesswali. Huwa kien cempel fuq numru tat-telefon li kien jidher. It-tfajla ma kinitx taf titkellem Ingliz tajjeb u qaltlu li kienet se tibghatlu messagg kif fil-fatt ghamlet. Huwa gharaf lil Omissis bhala t-tfajla li kien mar maghha. Qal li huwa kien iltaqa' maz-zewg tfajliet ghas-sess. Pero' peress li kullma kellu kienu biss ghoxrin ewro, ma kienx dam.

**<u>Omissis</u>** (Fol 290 et seq) xehed li telghet pop-up fuq it-tablet tieghu fejn fiha kien hemm xi reklami ta' attivitajiet sesswali. Huwa kien cempel fuq in-numri li kien hemm indikati u ghamel arrangamenti biex jiltaqa' ma' tfajla. Kien ikkomunika bl-Ingliz. Huwa fil-fatt kien iltaqa' ma' Omissis.

[2] Din hija t-tfajla li tidher fuq id-Dokument RG 1 a fol 275 tal-process.
[3] Din hija t-tfajla li tidher fuq id-Dokument RG 2 a fol. 277 tal-process.

Pero' ma marx maghha ghax kellu ripensament: induna li kien ghamel zball. Pero xorta kellu jhallasha.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 296 et seq) xehed li huwa kellu l-inkarigu li jaghmel ricerka dwar l-assi tal-imputati. Rigward l-imputat, dan irrizulta li ma kellu l-ebda assi. Rigward l-imputata, ix-xhud spjega li l-imputata kellha kont attiv mobile fixed u internet fuq il-post Caroline 37, Flat 8, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar. Irrizulta wkoll li l-imputata kienet giet registrata mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Pero kienet ghadha ma dahlet l-ebda return. Fl-ahhar nett ix-xhud spjega wkoll li l-imputata kienet ghamlet lista shiha ta' transazzjonijiet tramite l-kumpanija bl-isem Papaya Electronic Money. Omissis rega' xehed fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Gunju 2018 fejn ikkonferma li ma kien rcieva l-ebda informazzjoni ulterjuri ghat-talbiet dwar informazzjoni dwar assi li kien ghamel hu u li ma kellu xejn aktar xi izid ma' dak li kien xehed precedentement.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 335) xehed li huwa kien bghatt messagg fuq site li jisimha Maltese Escorts. Kien saqsa tfajla minnhom jekk kinitx available. Huwa rcieva messagg lura fejn qalulu biex ikellem lill-habiba taghha. Ix-xhud qal li l-komunikazzjoni waqfet hemm min-naha tieghu u ma kienx rega' irrisponda lura.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 337 et seq) xehdet li fil-15 ta' Novembru 2017 hija flimkien ma' Pulizija ohra assistiet lill- Omissis Omissis sabiex jaghmlul tfittxija fi Flat 8, 37 Caroline Flats, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar. Fil-presenza tal-imputata giet elevata credit card li kienet fuq il-gwardarobba fil-kamra tas-sodda principali. Kompliet tghid li fis-17 ta' Novembru 2017 hija

flimkien ma' Pulizija ohra kellmu lill-bint l-imputati Omissis. Omissis qalet li hija kienet tghix fl-appartament fi Triq Efesu mal-genituri taghha, ma' huha u l-mara tieghu. Hija kienet qieghda tattendi skola l-Mosta. Qabel kienet giet tghix Malta, hija ghamlet zmien tghix l-Ungerija, il-Kanada u l-Ingilterra. Waqt li kienu l-Ingilterra ltaqghu ma' certa Omissis u din bdiet tghix maghhom u tivvjagga maghhom. L-ewwel darba li giet Malta kellha 13 -il sena. Kienu ghamlu zmien hawn u imbaghad minn hawn marru l-Olanda. Waqt li l-familja taghha kienu l-Olanda, kienu iltaqghu ma' Omissis. Din Omissis kienet tghix fit-triq ghaliex kienu hadulha it-tfal. Din wkoll bdiet tghix maghhom. Mill-Olanda Omissismarret il-Germanja u mill-Germanja giet Malta. Omissis stqarret li ommha kienet tahdem bhala cleaner f'lukanda u li ommha stess kienet thallas il-kera tal-flat. Missierha ma kienx jahdem. Omissiskompliet tghid li meta l-genituri taghha kienu jkunu barra, hija ma kinitx tkun wehidha ghax Omissis kienu tiehu hsiebha u gieli wkoll marret tixtri l-bzonnijiet ta' kuljum. Rigward Omissis ma kinitx taf tahdimx peress li din kienet tghix f'appartament iehor. Omissis ma kinitx tahdem u kienet torqod fl-istess kamra maghha.

Omissis ziedet tghid wkoll li hija qatt ma kienet ghamlet sess ma' hadd. Ghalkemm kienu ivvjaggaw hafna, huma qatt ma kienu jitilqu minn post b'biza jew b'harba.

Mistoqsija rigward Omissis, Omissis qalet li din kienet telqet ghax kellha tarbija f'pajjiz iehor. Gina kienet tghix ma' Omissis. Qalet li missierha kien ghen lil Omissis ghax din kienet spiccajt fqira. Kien hu li kien mar gabarha meta waslet Malta. Omissis stqarret wkoll li missierha kien

irrabbja hafna meta Omissis ghamlet facebook account u anke hadilha t-tablet. Skont Omissis, missierha kien ghamel hekk biex Omissis ma toqghodx tibghat lill-familja taghha li kienu trattawha hazin hafna. Omissis qalet wkoll li missierha ma kienx hallieha li hija jkollha facebook ghax kienet ghadha zghira. Temmet tghid li Omissis u Omissis ma tantx kienu johorgu u meta kienu johorgu ma kinux idumu barra. Omissis kienet l-aktar tohrog ghall-bzonnijiet ta' kuljum.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud qalet li kienu marru jkellmu lil Omissis bhala pajzana. Apparti l-Pulizija kien hemm wkoll rapprezentant minn Dar Fejda.

**Omissis** (Fol. 348 et seq) xehed li f'Novembru 2017 huwa kien rcieva informazzjoni minghand il-Pulizija Ingliza li Omissis setghet kienet traffikata propja ghall-fini ta' prostituzzjoni gwwa Malta. Dan ghaliex minn informazzjoni miksuba jidher li l-genturi taghha kienu involuti f'cirku ta' traffikar ta' persuni. L-Ispettur ghamel kuntatt mal-Kap tal-Iskola fejn dan qallu li Omissis ta' spiss ma kinitx tattendi skola. L-Ispettur ghamel verifika wkoll ma' kumpaniji involuti fin-negozju tal-ispedizzjoni tal-flus u irrizulta li diversi ammonti ta' flus kienu qeghdin jigu skambjati u l-kunjom Majlat kien qed jidher f'hafna minn dawn it-transazzjonijiet. It-transazzjonijiet kienu qeghdin isiru minn u lejn diversi pajjizi.

Omissis kompla jghid li mill-investigazzjoni taghhom irrizulta li Omissis u Omissis kienu involuti fil-prostituzzjoni. Fil-fatt fuq web-sites partikolari l-ismijiet ta' dawn it-tnejn kienu abbinati ma' numri

partikolari. Minn stharrig li ghamlu b'referenza ma' dawn in-numri gie stabbilit li s-sim cards abbinati ma' dawn in-numri kienu aktar qed jircievu incoming calls milli jsiru minnhom outgoing calls. Gie stabbilit wkoll li l-outgoing smses kienu kwazi dejjem abbinati ma' incoming smses. Rari kien qed ikun hemm outgoing sms li jkun beda wahdu. Il-mobiles li ghalihom kienu jirreferu dawn in-numri instabu mill-Pulizija waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputati. Precizament il-mobiles instabu fil-kamra tal-appartament li kienet qed tintuza mill-imputati. Saret wkoll tfittxija f'appartament iehor li l-kera tieghu kienet qed tithallas mill-imputata fejn f'dan l-appartament instabu diversi oggetti relatati mas-sess fosthom condoms u lingerie. Tul l-istqarrija taghhom l-imputati kienu konxji li kienet ghaddejja xi forma ta' prostituzzjoni pero' cahdu li huma kellhom x'involviment f'dak li kien ghaddej.

Il-Pulizija tkellmet wkoll ma' Omissis u Omissis. Il-Pulizija setghet tinnota li dawn kellhom Ingliz limitat hafna u minn hemm il-Pulizija bdiet tissuspetta kif setghu dawn jikkomunikaw mal-klijenti taghhom u dan tenut kont tal-smses li kienu jintbaghtu. Omissisu Omissis ammettew li l-imputat kien il-pimp taghhom u l-flus kollha li kienu jigbru kienu jaghtuhom lill-imputat. Iz-zewg tfajliet ikkonfermaw wkoll li l-imputata kienet konxja ta' dak li kien qed isir u kienet hi li kienet taghmel il-komunikazjoni u l-appuntamenti mal-klijenti. B'referenza ghall-website, iz-zewg tfajliet ikkonfermaw li huma kienu l-persuni li jidhru fuq is-sites u li r-ritratti kienet hadithom l-imputata stess. Il-posizzjonijiet li kellhom jiehdu kienu gew indikati lilhom mill-imputata stess. Infatti dawn ir-ritratti instabu fil-mobile tal-istess imputata. Omissis (Fol. 269) esebixxa wkoll d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-assistenza legali da parti tal-imputat.

**Omissis** (Fol. 361 et seq) esebixxa d-diversi devices elettronici li gew elevati waqt it-tfittxija li saret fl-appartament fi Triq Efesu. Dawn kienu jinkludu tablets, laptop u diversi mobile phones.

**Omissis** (Fol. 363) xehdet li fl-14 ta' Novembru 2017 hija giet mitluba teskorta lil Omissis sabiex issir tfittxija fi flat 4, SBM, The House, Triq San Gilormu, Bugibba. Tul din it-tfittxija instabu lingerie, zraben tat-takkuna, baby oils u condoms. Ma instabu l-ebda hwejjeg normali f'dan l-appartament.

**Omissis** (Fol 367) esebixxa pen drive kontenenti l-informazzjoni kollha li huwa eleva mid-devices elettronici.

**Omissis** (Fol. 396) giet mahtura mill-Qorti biex taghmel assessment psikjatriku tal-parte civile. Rigward Omissis hija ikkonkludiet li din kienet qed issofri minn post traumatic disorder with psychosis u kienet qieghda tircievi kura psikjatrika ghal din il-kundizzjoni. Fix-xhieda imbaghad li tat fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019, ix-xhud indikat li Omissis kienet qed tbati minn borderline personality disorder u dan per konsegwenza ta' fatti trawmatici li kienet ghaddiethom minnhom meta kienet ghadha tifla u anke ta' adulta. **In kontro-ezami**, ix-xhud spjegat li ghal Omissis kien difficli hafna biex hija tiftah qalbha u tirrakonta mill-gdid minn xiex kienet ghaddiet. Jekk kienet sejra tigi sfurzata li taghmel hekk, dan kien se jkollu impatt negattiv fuq l-istat mentali taghha.

**L-imputata Robert Attilane Majlat** (Fol. 434 et seq) xehdet li hija mizzewga lill-imputat. Omissis hija bintha. Mhijiex bint l-imputat izda hu dejjem rabbieha bhala bintu sa minn meta kienet ghadha tarbija. Spjegat li hija u zewgha flimkien ma' Omissis kienu marru l-Kanada fejn applikaw ghal status ta' refugati. Din l-applikazzjoni giet michuda u huma regghu marru l-Ungerija. Mill-Ungerija marru l-Ingilterra precizament Bradford peress li hut ir-ragel taghha kienu jghixu hemm. Waqt li kienu Bradford, huma iltaqghu ma' Omissis , li tigi kugina taghha mill-boghod hafna. Din kienet qed taghmel xoghol ta' prostituta u kienet qed tahrab minn xi hadd. Wara xi xahar li iltaqghu ma' Omissis regghu lura l-Ungerija u mil-Ungerija imbaghad gew Malta ghax l-imputata sabet xoghol hawn Malta. Wara perijodu qasir Malta regghet marret l-Ungerija u imbaghad regghet giet lura Malta f' Gunju 2017 flimkien ma' habiba taghha.

Kompliet tispjega li hija kienet bdiet tghix f'appartament numru 8, 37, Triq Efesu, Bugibba u bhala paga kellha bejn € 1,200 u € 1,300 fix-xahar. Fl-appartament kienu joqghodu, hi, zewgha u bintha Omissis .Ma' Omissis kienet baqghet f'kuntatt permezz tal-internet. Omissis kienet talbitha l-ghajnuna peress li kellha tarbija u din giet f'Malta f'Settembru 2017. Omissis kienet marret tghix ma' persuna jisimha Omissis pero l-imputata kienet tiehu hsieb it-tarbija taghha kull meta kienet tghidilha l-istess Omissis. Ziedet tghid li Omissis kienet giet Malta appositament biex tahdem ta' prostituta. Rigward Omissis l-imputata qalet li din hija l-half sister taghha min-naha tal-missier. Omissis kienet wkoll prostituta. Din kienu hadulha t-tfal ghax kienet prostituta.

Omissis qatt ma kienet tghix mal-imputati. Li gara kien li jumejn qabel sar l-arrest, hu l-imputat kien gab il-bagalji taghhom ghax kienu sejrin jitilqu. Kompliet tghid li l-imputati kienu l-baby sitters tat-tarbija ta' Omissis. Peress li huma kienu jiehdu hsieb it-tarbija u anke jsajrulha, allura Omissis kienet taghtihom xi flus biex tghinhom. Skont l-imputata kull gimgha Omissis kienet taghtihom hamsin ewro.

Rigward ix-xoghol ta' prostituzzjoni, l-imputata xehdet li hija qatt ma kienet involuta f'dan ix-xoghol. Pero darba minnhom ghenithom biex jaghmlu riklam fuq l-internet. Hija cahdet wkoll li kienet hadet xi ritratti tal-parte civile hija stess. Pero m'eskludietx li r-ritratti setghu ittiehdu bl-Iphone taghha ghax gieli sellfitulhom. B'referenza ghall-fatt li waqt l-arrest instabu numru ta' mobiles fl-appartament fejn kienet toqghod l-imputata, hija spjegat li dak il-hin kienu ghadhom kemm telghu jieklu hi, l-imputat, Omissis, Omissis u Omissis. Hija spjegat li ghandha erba' mobiles, ir-ragel taghha ghandu iehor, Omissisghandha wkoll filwaqt li Omissis u Omissis kellhom iehor. Temmet tghid wkoll li Omissis kienet waslet Malta qabel Omissis.

**<u>In kontro-ezami</u>** l-imputata xehdet li hija damet tahdem fil-lukanda fuq bazi regolari kuljum mill-hamsa (5) ta' Lulju 2017 sal-gurnata tal-arrest. Kienet rceviet erba' pagi. Ghall-ewwel bdiet b'elf ewro fix-xahar u imbaghad inghatat promozzjoni ta' supervisor u bdiet tircievi bejn € 1,200 u € 1,300 fix-xahar. Il-promozzjoni haditha wara xahar. Ikkonfermat li bhala kera kienet thallas € 1,000 fix-xahar. Mistoqsija jekk kienx ifisser ghalhekk li fl-ewwel xahar ma kien ghad baqaghlha xejn mill-paga filwaqt li fix-xhur l-ohra kien baqaghlha biss € 300 u dan minhabba l-

hlasijiet tal-kera, ix-xhud regghet ghamlet referenza ghal dak li sostniet fl-istqarrija fejn kienet qalet li r-ragel taghha kompla jircievi bejn tliet mija u hamsin u erbat mitt ewro kull gimaghtejn. Hija wkoll kienet qed tibghat flus barra minn Malta lill-familja taghha ghax dawn kien qed ikollhom bzonn il-flus. Meta gie indikat lilha, li bil-kemm kellha flus biex tghix hi hawn Malta, l-imputata qalet li kellha l-flus li kienet ghamlet il-Kanada imwarrbin u peress li l-qraba l-Ungerija ma setghux jigbdu l-flus, kienet tibghatilhom il-flus minn Malta.

Ix-xhud ikkonfermat li kienet hi li iltaqghet ma' Omissis l-ewwel. Omissis kienet qed tigi mixtrija minn pimp ghall-iehor. Meta iltaqghet ma' Omissis, din kienet qieghda tibki fi triq wehidha. Pimps ma kien hemm imkien u allura ma hallset xejn.

Mistoqsija wkoll jekk Omissis u Omissis jafux bl-Ingliz, l-imputata wiegbet li Omissis taf titkellem naqra ahjar Ingliz minn Omissis. Pero ma kinitx taf jekk jafux jiktbu jew jitkellmu bl-Ingliz.

B'referenza ghall-erba' mobile phones li qalet li kellha, l-imputata sostniet li hija kellha biss tnejn filwaqt li zewgha u bintha kellhom wiehed kull wiehed. L-erba' mobile phones li semmiet kienu tal-familja. Il-kumplament kienu ta' Omissis u Omissis. Temmet tghid li hija kienet tircievi biss hamsin ewro minghand Omissis talli kienet isajrilha u tiehu hsieb it-tarbija. Il-paga li kienu jaqilghu Omissis u Omissis qatt ma ttehditilhom. Hija cahdet li hi u zewgha kienu jircievu xi flus minghand Omissis u Omissis. Ziedet tghid wkoll fuq mistoqsija tal-Avukat difensur taghha li hija ma kinitx il-pimp tal-parte civile.

**Omissis** (Fol. 495 et seq) rapprezentant tal-Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-imputata minn fejn irrizulta li l-imputata kienet ingaggata bhala cleanar fit-23 ta' Ottubru 2017 u damet hekk ingaggata sal-20 ta' Dicembru 2017.

**<u>L-imputat Robert Attila Majlat</u>** (Fol. 499 et seq) beda biex qal li fl-2010, hu, martu u Omissis kienu marru l-Kanada u applikaw ghall-istatus ta' refugjat. L-applikazzjoni taghhom giet michuda u fl-2015 kellhom jitilqu mill-Kanada. Minn hemm marru l-Ungerija u imbaghad l-Ingilterra, precizament fi Bradford peress li kellu hutu jghixu hemm. Waqt li kienu Bradford, martu kienet iltaqghet ma' Omissis. Iltaqghu wkoll ma' Omissis, li hija l-half sister ta' martu. F'dak iz-zmien Omissis kienet tghix mal-partner taghha u kienet tqila. Omissis imbaghad ma baqghetx mal-partner taghha, marret l-Ungerija fejn kellha t-tarbija. Is-servizzi socjali kienu hadulha t-tarbija minhabba x-xoghol li kienet taghmel u l-hajja li kienet tghix.

F'Gunju 2017, hu, martu u Omissis kienu gew Malta u bdew jghixu San Pawl il-Bahar. Kienu gew Malta ghax pajjiz sabih u xtaqu jibdew jghixu hawn. Aniko kienet bdiet tahdem. Izda hu kien ghadu ma setax jahdem minhabba l-lingwa.

B'referenza ghal Omissis u Omissis huwa qal li dawn kienu t-tnejn prostituti. Hu kien jaf b'dan ghaliex din il-haga huma ma kinux jahbuha. Mistoqsi meta kien sar jaf li huma prostituti, huwa wiegeb li minn dejjem qishom bhala prostituti. Sostna li huwa ma kellu l-ebda involviment fix-xoghol taghhom. Kienu ghenuhom biss isibu akkomodazzjoni u xi

kultant kienu jzommu t-tarbija ta' Omissis. Ghalkemm Omissis kienet tghidilhom biex izommulha t-tarbija u ghalkemm kien jaf li Omissis kienet prostituta, ma kienx jaf b'mod specifiku li meta kienu qed izommulha t-tarbija din kienet qed tmur tipprostitwixxi ruhha. It-tarbija kienu jzommuhielha xi hames (5) darbiet fil-gimgha. Ma kienx joqghod isaqsi lil Omissis fejn kienet tkun sejra anke ghaliex huma kienu jithallsu bejn € 50 u € 100 fil-gimgha ghal dan ix-xoghol. Dawn il-flus kienu jservu wkoll biex jigu koperti l-ispejjez tan-nappies u l-ispejjez tal-ikel peress li Omissis kienet tiekol maghhom.

L-imputat kompla jghid li hu qatt ma kellu relazzjoni sesswali ma' Omissis. B'referenza ghar-reklami ghas-servizzi sesswali offruti mill-parte civile, huwa sostna li qatt ma kien rahom qabel. Cahad li hu kien hadilhom xi ritratti. Kien hemm okkazzjonijiet biss fejn il-parte civile staqsew biex juzaw il-mobile tieghu u ta' martu. Kompla jghid li Omissis kienet il-half sister ta' martu u ma kien jara xejn hazin li jaghti l-mobile lilha. Ma ftakarx ezatt kemm -il darba kien ta l-mobile lil Omissis. Ix-xhud temm jghid li l-linja tat-telefon li kellu kienet Maltija u li la n-numru tieghu u lanqas ta' martu ma kien jiftakar. Kienu jkunu saved fil-mobile tieghu.

**<u>In kontro-ezami</u>** ix-xhud gie mistoqsi ghalfejn issa waqt ix-xhieda tieghu kien ta hafna dettalji fuq Omissis meta fl-istqarrija kien illimita ruhu biss ghall-fatt li din kienet il-half-sister ta' martu u li kienet mignuna. Huwa wiegeb li meta kien ta l-istqarrija kellu biss hames (5) minuti biex jghid il-verzjoni tieghu. Issa kien ilu arrestat 21 xahar u allura kellu cans jahseb. Kompla jghid li huwa ma kienx jahdem hawn Malta. Pero kellu l-

kumpanija tat-trasport u kull tant zmien kien jircievi xi flus. Rigward flus li kienu jintbaghtu minn Malta, l-imputat spjega li meta kien il-Kanada kien hadem sighat twal u kien rnexxielu jgemma' xi flus. Hu kien gie Malta b'€ 7,000 jew € 8,000. Barra minn hekk kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa kien jitla' l-Ungerija biex igib il-flus. Mistoqsi wkoll kif martu kien jirnexxielha tiehu hsieb it-tarbija meta hija kienet tkun xoghol, l-imputat wiegeb li hu kien jiehu hsieb it-tarbija.

Rigward l-appartament fejn kienu jipprostitwixxu ruhhom Omissis u Omissis, il-kera kienet tithallas minnhom. Meta gie indikat lilu li l-kuntratt kien sar ma' martu, ix-xhud sostna li martu setghet ghenithom ghaliex Omissis u Omissis ma kinux jafu bl-Ingliz.

Mistoqsi wkoll ghalfejn meta sar l-arrest instabu diversi mobile phones fil-kamra tas-sodda u mhux tal-ikel fejn kienu qeghdin jieklu Omissis u Omissis, l-imputat wiegeb li dawn setghu marru jpejpu fil-gallarija jew fil-kamra tal-banju. Rigward il-messaggi bl-Ingliz li kien hemm fuq il-mobiles, ma setax kien il-kaz li kitibhom hu ghax hu ma jitkellimx bl-Ingliz. Cahad wkoll li l-mara kienet twiegeb ghat-telefonati bl-Ingliz u tibghat il-messaggi bl-Ingliz.

Rigward il-persuni li kienu jghixu fl-appartament maghhom, l-imputat cahad li fl-istqarrija tieghu kien qal li Omissis kienet tghix maghhom. Ghalkemm Omissis kienet tigi ta' spiss ghandhom ma kinitx tghix maghhom. Meta mistoqsi li l-affarijiet kollha ta' Omissis kienu qeghdin fil-kamra ta' Omissis, huwa wiegeb li l-hwejjeg tat-tarbija kienu qeghdin

fl-appartament taghhom ghaliex Omissis ma riditx tiehu lit-tarbija fl-appartament l-iehor.

Rinfaccjat bil-fatt li fl-istqarrija tieghu l-imputat kien qal li Omissis ma kienx jaf x'inhi taghmel u issa qal minghajr tlaqlieq li Omissis hija prostituta, huwa sostna li issa qieghed jghid il-verita ghax ilu l-habs ghal aktar minn wiehed u ghoxrin xahar u ma riedx li jigi iggudikat fuq xi haga li m'ghamilx. Cahad li hu kien jiehu xi flus mill-prostituzzjoni. Fuq il-kaz ta' meta Omissis spiccat bi black eye, l-imputat sostna li dan kien accident. Kienu qeghdin jilaghbu u bi zball laqatha.

Ikkonferma wkoll li mill-kumpanija tat-taxis kien jircievi mitt ewro (€ 100) kuljum u huwa kien jigbor dawn il-flus meta jmur l-Ungerija.

Cahad wkoll li Omissis kienet torqod fl-istess sodda ma' bintu. Kien hemm sodda ohra li Omissis kienet torqod fiha.

Mistoqsi wkoll kif iddecieda li jigi Malta meta kellu ntrojtu tajjeb ta' mitt ewro kuljum, hu qal li ma kellux hajja facli l-Ungerija ghax kien gypsy. Ghalkemm m'hemmx gwerra bejn il-gypsies u l-iskinheads, hafna mill-gypsies kienu qeghdin jigu mhedda u maqtula. Temm jghid li huwa kien mar il-Kanada ghax nofs il-familja tieghu kienet qed tghix il-Kanada.

**Ikkunsidrat:**

Fil-qosor dak li jirrizulta mill-provi migbura huwa dan: il-parte civile Omissis u Omissis kienu gew hawn Malta flimkien ma' jew fuq

arrangamenti tal-imputati. It-tnejn li huma kienu gew reklutati u kienu taht il-kontroll assolut tal-imputati. Kienu gew hawn Malta specifikament ghall-skopijiet ta' prostituzzjoni. L-imputati kienu hadu hsieb li jsibu appartament minn fejn jigu provduti s-servizzi sesswali u kienu anke jikkoordinaw ir-reklami fuq l-internet u l-appuntamenti mal-klijenti. Il-qliegh kollu li kien qieghed jigi generat minn tali attivita kien qieghed jigi percepit direttament lill-imputati. Dawn imbaghad kienu jipprovdu ghall-bzonnijiet ta' kuljum tal-parte civile. Sahansitra kienu jiehdu hsieb it-tarbija ta' wahda mit-tfajliet waqt li din tkun mal-klijenti. Min-naha l-ohra l-imputati jichdu li huma kellhom x'involviment fil-prostituzzjoni tal-parte civile. Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata – kif hafna drabi jigri – b'verzjonijiet konflingenti.

**Il-Posizzjoni Meta jkun hemm Konflitt fil-Provi**

Kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-

imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma*

*l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[4]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**L-Ewwel Imputazzjoni - Ir-Reat tat-Traffikar ta' Persuni**
**L-Artikoli 248A(1)(a)(2)(3), 248B u 248E(1)**

M'hemmx dubju li r-reat tat-traffikar ta' persuni huwa reat serju hafna ghaliex jisfrutta l-vulnerabbilita tal-individwu sabiex il-kriminal jistaghna minn fuq tali vulnerabbilita. Kif jinghad f'artikolu li gie pubblikat fil-gurnal id-Dritt tal-2009 dan ir-reat: *"is geared towards the exploitation of the victim using various forms of deception, coercion or even at times physical force. In fact the intermediary or the trafficker in this case would not simply limit himself at facilitating migration but would also ensure that the victim is*

[4] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

*introduced to criminal circles and channelled to particular criminal activities ranging from prostitution, illicit labour and at times even for the purpose of trafficking their organs. It should be stressed that the term "exploitation" should not be simply limited to mean direct coercion but should also be taken to construe "violation of human dignity and fundamental rights, abuse of the vulnerable situation of may of these people, making them dependent on their traffickers and treating them as trade products rather than as human beings.*[5] *The fact that the trafficker would normally provide all the necessary and ancillary services (that is provision of information, stolen or counterfeited documents, transport and accommodation and border crossing services) which facilitate the migration process, inevitably leads the victim to become highly dependent on the trafficker. This dependency practically degenerates into virtual slavery, thus enabling the exploitation of the victim even further. In addition, to make matters even worse, traffickers would normally be paid under long term arrangements for the services provided, charging incredible high rates of interests, thus leading to debt bondage and hence furthering securing the traffickers' control over their victims.*

*It should be pertinent to note that the transportation of the victim to the destination country need not necessarily take place illegally. In some cases victims may enter the country legally under various pretexts namely tourism purposes, business trips or even educational reasons. It is quite common for traffickers or organised criminal groups who focus on this particular area of criminal activity to set apparently legal structures such as language schools or vocational institutes to mask their trafficking operations. Even the institute of marriage has been utilized as a cover-up, with "fictitious marriages" being arranged to secure the presence of a particular person in a particular country. In*

---

[5] Secretariat of the Budapest Group '***The Relationship between Organised Crime and Trafficking in Aliens***', BG 1/99 (1999) p. 23

*situations when the person would have entered the country legally, illegality would only ensue either when the residence permit would have expired or upon the victim being introduced to criminal circles."*[6]

Il-Kummissarju Ewropew Dimitris Avramopoulos ghall-Immigrazzjoni, Affarijiet Interni u Cittadinanza li ghadu kif temm il-kariga tieghu f'dawn l-ahhar jiem irrimarka f'Dicembru 2018 li: "*Thousands of human beings are still trafficked every year in the European Union. This happens right under our watch – to women, children, to EU and non-EU citizens. Despite progress in some areas, there is an imperative need to end the culture of impunity for perpetrators and abusers. It is time for law enforcement and justice authorities across Member States to further step up cooperation and duly enforce existing legislation to catch those involved in this heinous crime, and offer effective and rightful protection to the victims".*[7]

Mil-lat legali, hemm tliet strumenti legali li abbazi taghhom il-legislatur Malti dahhal ir-reati kontemplati taht l-artikoli 248A et seq tal-Kodici Kriminali. Kif tirrimarka l-Kummissjoni Ewropea fil-website taghha:

*"The international legislative anti-trafficking framework has been consolidated through the elaboration of several instruments. On the international level, the* ***United Nations Protocol to Prevent, Suppress and Punish Trafficking in Persons*** *and at regional level the* ***2005 Council of Europe Convention on Action against Trafficking in Human Beings*** *are key instruments.*

---

[6] Id-Dritt Law Journal (2009), ***The Human Trafficking and Smuggling Protocls – A Brief Overview with Specific Reference to Maltese Criminal Law***. Artikolu miktub minn Dr Jean Paul Grech, pagna 148-149.

[7] Ara https://ec.europa.eu/anti-trafficking/legislation-and-case-law/eu-legislation/into/Criminal%20Law_en

*At the EU level, the new **Directive 2011/36/EU**, on preventing and combating trafficking in human beings and protecting its victims, and replacing Council Framework Decision 2002/629/JHA, has been formally adopted on the 5 April 2011. It makes explicit that the definition of trafficking in human beings covers also trafficking for forced begging, for the exploitation of criminal activities, for the removal of organs as well as for illegal adoption or forced marriages. The instrument also introduces tougher penalties for traffickers as well as better protection of and assistance to victims. It is based on international standards and further expands them."*[8]

L-ewwel strument legali li dahal fis-sehh kien il-Protocol dwar it-Traffikar. Dan kien protocol ghall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Maghquda dwar ir-Reati Transnazzjonali Organizzati. L-awtur D Vlassis jaghti spjega cara dwar l-implikazzjonijiet ta' dan il-protocol: *"The Protocol represents a new approach to the problem in several aspects. It attempts to define 'trafficking in persons', a complex and multi-faceted problem, especially with the involvement of transnational organised criminal groups, and it is the first attempt to address the problem in a comprehensive manner. It combines traditional crime control measures to protect trafficked persons. It is perhaps this balanced approach that assured progress in the development of an international legal instrument, whereas previous attempts to deal with the matter from one single perspective were not crowned with success."*[9] Infatti l-Protocol jiddefinixxi l-kuncett ta' traffikar ta' persuni bhala:

---

[8] Ara https://ec.europa.eu/anti-trafficking/legal-and-policy-framework_en

[9] D Vlassis '**The United Nations Convention Against Transnational Organised Crime and it Protocols: A New Era in International Cooperation**' in *The Changing Face of International Criminal Law – Selected Papers*. Published by the International Centre for Criminal Law Reform and Criminal Justice Policy (June 2001) 97

> *"the recruitment, transportation, transfer, harbouring or receipt of persons by means of the threat or use of force or other forms of coercion, abduction, of fraud, of deception of the abuse of power or of a position of vulnerability or of the giving or receiving of payments or benefits to achieve the consent of a person having control over another person, for the purpose of exploitation. Exploitation shall include, at a minimum, the exploitation of the prostitution of others or other forms of sexual exploitation, forced labour or services, slavery or practices similar to slavery, servitude or the removal of organs"*[10]

Tlieta huma l-elementi essenzjali li johorgu minn tali definizzjoni: *"(a)* ***the criminal acts*** *consisting in the recruitment transportation, transfer, harbouring or receipt of persons; (b)* ***the means used to commit these acts****, namely the threat or use of force or other forms of coercion, of abduction, of fraud, of deception of the abuse of power or of a position of vulnerability or of the giving or receiving of payments or benefits to achieve the consent of a person having control over another person; and (c)* ***the goals or purpose of exploitation*** *which include as a basic minimum the exploitation of the prostitution of others or other forms of sexual exploitation, forced labour or services, slavery or practices similar to slavery, servitude or the removal of organs."*[11]

Wahda mit-temi li kienu gew diskussi waqt l-ifformular ta' dan il-Protocol kien x'sehem jilghab il-kunsens tal-vittma fuq dan kollu. Kif jinghad fl-istess artikolu sucitat: *"One of the major issues which came up for discussion was whether the victim could consent to trafficking. Since during the*

[10] Article 3(a) of the Trafficking Protocol.
[11] Id-Dritt (2009) ibid., pagna 153

*initial phases of the victim-trafficker relationship there would normally be consent on the part of the victim as well as cooperation, some participants in the negotiating process advocated that consent should be included as a constituent element in the definition. They considered that this element was essential to limit the scope of the offence, to distinguish trafficking from other legitimate activities and for constitutional reasons. Such a stance was however severely criticised by other States and in particular NGOs on the pretext that such a requirement could have rendered effective enforcement and prosecution difficult, thus undermining the whole rationale of the protocol. By simply pleading consent as a defence, traffickers would have been afforded an easy way out to evade prosecution. With a view to accommodate both positions, paragraph (b) was included in article 3. This paragraph makes it clear that the consent of the victim would become irrelevant in case one or more of the means identified in the article would have been utilized. In addition to further clarify matters, it was agreed that the travaux prepartoires were to specifically refer to Article 11(6) of CATOC,*[12] *which ensures that the existing criminal defences at a domestic level should continue to apply."*[13]

Fuq l-istess linja tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea wkoll hadet azzjoni biex tikkriminalizza t-traffikar ta' persuni. L-ewwel legislazzjoni f'dan il-qasam kienet id-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/JHA, liema d-decizjoni kwadru illum giet superata bl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/EU. Id-decizjoni kwadru kellha l-ghan li tassigura li

[12] Article 11(6) of United Nations Convention Against Transnational Organised Crime (CATOC) specifies that: *"Nothing contained in this Convention shall affect the principle that the description of the offences established in accordance with this Convention and of the applicable legal defences or other legal principles controlling the lawfulness of conduct is reserved to the domestic law of a State Party and that such offences shall be prosecuted and punished in accordance with that law."*

[13] Artiklu Id-Dritt (2009) ibid., pagna 154. Ara wkoll A/55/383/Add.1 - Interpretative notes for the official records (*travaux préparatoires*) of the negotiation of the United Nations Convention against Transnational Organized Crime and the Protocols thereto – para 68. Available on http://www.uncjin.org/Documents/Conventions/dcatoc/final_documents/383a1e.pdf

*"r-reat kriminali serju tat-traffikar tal-persuni jkun indirizzat mhux biss permezz ta' azzjoni individwali minn kull Stat Membru iżda permezz ta' approċċ komprensiv fejn id-definizzzjoni ta' l-elementi kostitwenti tal-liġi kriminali komuni għall-Istati Membri kollha, inklużi sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, jifformaw parti integrali."*

Infatti fl-artikolu 1 tad-Decizjoni Kwadru jinghad:

*"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-atti li ġejjin ikunu kastigabbli: ir-reklutaġġ, trasport, trasferiment, kenn, lqugħ sussegwenti ta' persuna, inkluż l-iskambju jew trasferiment tal-kontroll fuq dik il-persuna, fejn: (a) isir użu minn sfurzar, forza jew theddid, inkluż il-ħtif, jew (b) isir użu minn qerq jew frodi, jew (ċ) ikun hemm abbuż ta' awtorità jew pożizzjoni ta' vulnerabbiltà, li tkun tali li persuna ma' jkolliex alternattiva reali u aċċettabbli iżda li tissottometti għall-abbuż involut, jew (d) ħlasijiet jew benefiċċji jingħataw jew jiġu rċevuti sabiex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra għall-għan ta' l-isfruttament tax-xogħol jew servizzi ta' dik il-persuna, inkluż mill-anqas xogħol jew servizzi sfurzati jew obbligatorji, skjavitù jew prattiċi simili għall-iskjavitù, jew għall-għan tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, inkluża l-pornografija.*

*2. Il-kunsens ta' vittma tat-traffikar tal-persuni għall-isfruttament, mixtieq jew reali, għandu jkun irrelevanti fejn xi wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew użati."*

Tajjeb li jinghad - kif anke ikkummentat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Mifsud** deciza fit-23

ta' Frar 2017 - li dak stipulat fid-decizjoni kwadru kien eku tal-ligi introdotta fil-Kodici Penali taghna ftit xhur aktar qabel. Id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kienu gia wasslu l-messagg lil-legislatur Malti biex jirrikonoxxi li dawn ir-reati riedu jigu introdotti fil-corpus legali Malti biex jigu protetti persuni vulnerabbli li jistghu jispiccaw bhala *pawns* f'idejn persuni minghajr skrupli.

L-artikolu 248A tal-Kodici Kriminali Malti jistabilixxi li:

*"(1) Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fis-subartikolu (2), jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persunatiġi sfruttata:(a) fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi; jew(b) fil-jasar jew prattiċi simili għall-jasar; jew(ċ) fl-iskjavitù jew xogħol furzat; jew(d) f'attivitajiet assoċjati mal-elemosina; jew(e) f'xi attivitajiet oħra illegali mhux speċifikamentprovduti imkien f'dan is-sub-titolu,jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitta sa tnax-ilsena.*

*Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu sfruttament jinkludi lipersuna tiġi meħtieġa tipproduċi oġġetti u tipprovdi servizzi taħtkundizzjonijiet u f'ċirkostanzi li jmorru kontra standards fil-kamptax-xogħol li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, pagi u s-saħħa u s-sigurtà.*

*(2) Il-mezzi li għalihom hemm referenza fis-subartikolu (1)huma dawk li ġejjin:(a) vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna;(b) qerq jew ingann;(ċ) użu ħażin tal-awtorità, influenza jew pressjoni;(d) li wieħed jagħti jew jirċievi ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna oħra;(e) abbuż ta' poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà:*

*Iżda f'dan il-paragrafu "pożizzjoni ta' vulnerabbiltà"tfisser sitwazzjoni li fiha persuna kkonċernata majkollhiex alternattiva reali jew aċċettabbli ħlief litissottometti ruħha għall-abbuż involut.*

*(3) Il-kunsens ta' vittma ta' traffikar jew ta' sfruttament, kemmjekk maħsub jew fattwali, ma jkunx relevanti fejn kwalunkwe mezzkif stabbilit fis-subartikolu (2) ikun ġie użat."*

Ghandu jinghad mill-ewwel pero li l-artikolu 248A mhux applikabbli ghall-kaz odjern stante li l-legislatur Malti ghazel li jdahhal artikolu *ad hoc* li jitkellem dwar traffikar ta' persuni ghall-fini ta' prostituzzjoni. Dan infatti huwa l-artikolu 248B li jistipula: *"Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jew forom oħra ta' sfruttamentsesswali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena li hemm fl-artikolu 248A(1)."*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs omissis Paul Ellul omissis** deciza fid-19 ta' Settembru 2006: *"L-artikolu 248A tal-Kap. 9 jittratta dwar it-traffikar ta' persuni ta' l-eta` bil-ghan li jigu sfruttati "fil-produzzjoni ta' oggetti jew fil-ghoti ta' servizzi". Dan il-kaz jirrigwarda l-prostituzzjoni ta' nisa barranin, inkluz ittraffikar taghhom. Huwa l-artikolu 248B tal-Kap. 9 li jipprovdi dwar it-traffikar ta' persuni ghall-prostituzzjoni. Ghalhekk l-artikolu 248A tal-Kap. 9 mhuwiex applikabbli u, mill-provi, ma jirrizulta bl-ebda mod."*

Id-definizzjoni propja imbaghad ta' traffikjar tohrog mill-artikolu 248E(1). F'dan l-artikolu l-legislatur abbazi ta' dak provdut fil-Protocol tal-Konvenzjoni dwar in-Nazzjonijiet Maghquda jiddefinixxi it-traffikar tal-persuni tal-eta jew ta' minuri bhala *"ir-reklutaġġ, trasport, bejgħ jew trasferiment ta' persuna, jew ta' minuri, skont kif jista' jkun il-każ, inkluż il-ħabi ta' dik il-persuna, jew tal-minuri, li wara tiġi riċevuta u jkun hemm bdil jew trasferiment ta' kontroll fuq dik il-persuna, jew fuq il-minuri, u tinkludi kull għemil li jiffaċilita id-dħul,transitu, residenza fi jew ħruġ mit-territorju ta' xi pajjiż għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu, skont kif jista' jkun il-każ."*

Qabel mal-Qorti tidhol fid-dettal tal-mertu tal-kaz, huwa fundamentali li qabel xejn issir analizi dwar liema miz-zewg verzjonijiet tal-partijiet f'dan il-kaz hija l-aktar kredibbli: u cioe jekk hix il-verzjoni tal-vittmi jew inkella tal-imputati. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha processwali kif wkoll kellha l-opportunita li tisma' x-xhieda kollha tal-kaz hija stess u tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha fuq il-pedana tax-xhieda. Il-Qorti m'ghanda l-ebda esitazzjoni li temmen il-verzjoni tal-parte civile u dan ad eskluzjoni tal-verzjoni li ippruvaw jaghtu l-imputati. Il-parte civile kuntrarju ghall-imputati kienu dejjem konsistenti fil-verzjoni taghhom. Minn naha 'l ohra din il-Qorti setghet tinnota diversi kontradizzjonijiet fix-xhieda li taw l-imputati quddiem din il-Qorti u fl-istqarrijiet li huma taw lill-Pulizija ftit wara li kienu gew arrestati. Din il-Qorti kellha wkoll il-beneficcju li setghet tara u tisma l-istqarrijiet li inghataw u ghalhekk kellha quddiemha t-twegibiet propji li kienu taw l-imputati waqt l-istess stqarrijiet. Il-Qorti tillimita biss biex tissenjala s-segwenti:

(a) Fl-istqarrijiet iz-zewg imputati jghidu li ma kinux jafu x'kienu qeghdin jaghmlu l-parte civile u lanqas ma kien jinteressahom x'kienu qeghdin jaghmlu. Jaslu biss biex jindikaw li seta' kien il-kaz li l-parte civile kienu involuti fil-prostituzzjoni. L-imputat Robert Attila Majlat fl-istqarrija tieghu ma jaghti kwazi l-ebda informazzjoni dwar Omissis. Jillimita ruhu biss biex jghid li din kienet tigi minn martu u li kienet mignuna. Meta imbaghad gew biex jixhdu quddiem din il-Qorti, iz-zewg imputati jghidu li kienu konxji li l-parte civile kienu prostituti pero jinsistu li ma kinux involuti f'dak li kien qieghed jigri;

(b) Meta gie rinfaccjat bil-fatt li fl-istqarrija tkellem dwar suspett filwaqt li fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti huwa tkellem dwar certezza li l-parte civile kienu involuti fil-prostituzzjoni, l-imputat Robert Attila Majlat jinsisti li huwa ma kellux cans li jaghti l-verzjoni propja tieghu waqt l-ghoti tal-istqarrija. Jallega li kellu biss hames (5) minuti cans biex jitkellem. Kif gia inghad din il-Qorti kellha l-possibilita li issegwi l-intier tal-interrogatorju li sar liz-zewg imputati u dak allegat mill-imputat assolutament mhuwiex minnu. L-imputati kellhom il-hin kollu li riedu ghad-disposizzjoni taghhom biex tul l-istqarrija jghidu lill-Pulizija l-affarijiet kif verament kienu. Mill-mod wkoll ta' kif xehed l-imputat quddiem din il-Qorti, jidher li hu qaghad jippjanifika kif kellu jaghti d-deposizzjoni ghax fi kliemu kellu cans wiehed u ghoxrin (21) xahar joqghod jahseb dwar x'sejjer jghid u allura skont hu aktar kienu

sejrin johorgu dettalji.[14] Jekk tabilhaqq l-imputat kien qieghed jghid il-verita, il-verita ma tirrikjedix hsieb u ma kellux ghalfejn jqatta' l-hin tieghu fil-habs jahseb x'sejjer jghid!!

(c) Anki fuq affarijiet semplici kien hemm diskrepanzi. L-imputat fl-istqarrija tieghu qal li Omissiskienet toqghod maghhom fl-istess appartament mentri fix-xhieda tieghu qal li ma kinitx toqghod maghhom. L-imputati lanqas jaqblu fuq l-ammont ta' flus li suppost l-imputat kien qieghed jippercepixxi minn barra. L-imputat jghid li kien jircievi mitt ewro kuljum (€ 100) filwaqt li martu tghid li kien jircievi madwar tlett mija u hamsin ewro (€ 350) kull hmistax.

(d) In-nuqqas ta' kredibbilita tal-imputati tkompli wkoll tiehu daqqa 'l isfel meta wiehed iqis li bl-introjtu limitat li huma jghidu li kellhom, ohrog il-ghageb kien qieghed jirnexxielhom jikru appartament b'elf ewro fix-xahar u jibghatu ammonti sostanzjli ta' flus barra minn Malta. Dan meta hawn Malta l-imputat ma kienx qieghed jahdem u martu kienet taqla' biss bejn elf u elf u mitejn ewro fix-xahar.

(e) Apparti minn hekk huwa tassew inverosimili kif l-imputati kienu jzommu t-tarbija ta' Omissis medja ta' hames darbiet fil-gimgha minghajr ma kienu jafu ezattament fejn kienet qed tkun Omissis;

[14] Fol. 510 tal-process.

(f) Jidher wkoll li saret pressjoni fuq Omissis biex hija twaqqa' l-akkuzi fil-konfront tal-imputati.[15] Saru wkoll rikorsi sabiex l-imputati jressqu provi godda biex tigi murija l-inkonsistenza tax-xhud Omissis. Dan fil-fehma tal-Qorti aktar jkompli jsahhu l-kredibbilita ta' dak li qalu l-parte civile.

Tenut kont dak kollu, din il-Qorti m'ghandix ghaliex ma tqisx il-verzjoni tal-parte civile bhala wahda li hija verament kredibbli u li ixxejjen ghal kollox dak sostnut mill-imputati.

Jekk wiehed issa jigi ghar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, huwa car mill-atti li l-parte civile gew reklutati mill-imputati sabiex l-istess parte civile jkunu jistghu jiddahhlu fi crieki ta' prostituzzjoni bl-istess imputati imbaghad igawdu mill-profitti generati minn dan ic-cirku ta' prostituzzjoni. Dan kollu jinsab sostnut mis-segwenti elementi li hargu mill-atti:

(a) Omissis spjegat kif hija kienet giet mixtrija mill-imputat minghand pimp iehor meta kien ghad kellha dsatax -il sena. Hija spiccat tahdem ghalih bhala prostituta u kienet tmur kull fejn kienu jmorru l-imputati. L-imputata fix-xhieda taghha tikkonferma li Omissis kienet taht il-kontroll ta' pimp iehor. Pero issostni li lil Omissis iltaqghet maghha fit-triq u li ma kellhom ghalfejn ihallsu lil hadd ghaliha. Din il-Qorti ma tistax temmen din il-verzjoni tal-imputata, anke tenut kont tal-modilitajiet li jahdmu bihom organizzazzjonijiet

[15] Ara fol. 187 u fol. 192 tal-process.

kriminali. Zgur li l-ebda organizzazzjoni kriminali m'hu sejra taqbad u tirrilaxxa kif gieb u lahaq persuna li tkun taht il-kontroll taghha u li tkun qieghda tiggiralha introjtu u dan minghajr l-ebda hlas;

(b) Fir-rigward ta' Omissis, il-mezzi uzati sabiex din giet reklutata ghall-iskopjiet tal-intimati kienu differenti minn dawk ta' Omissis. Omissis kienet ghaddejja minn perijodu difficli anke in vista tal-fatt li s-servizzi socjali kienu hadulha lill-uliedha u dawn kienu spiccaw ghand il-foster families. Omissis kienet fil-fatt giet imwieghda minn ohtha l-imputata li kienet se tghinha jkollha hajja ahjar u anke flus biex hija tkun tista' terga' tinghaqad ma' uliedha u b'hekk ma jibghux aktar ghand il-foster families. Din il-hajja ahjar kienet tikkonsisti filli l-istess Omissis tipprostitwixxi ruhha biex ikollha dawn il-flus f'idejha biex hija eventwalment tkun tista' terga' tinghaqad ma' uliedha;

(c) Kien qieghed jigi ezercitat kontroll assolut fuq il-parte civile mill-imputati. Bizzejjed jinghad li Omissis kienet ilha mal-imputati ghal mill-anqas seba' snin. Fil-fatt meta inxtrat kellha biss 19 -il sena u fiz-zmien li hija tat id-deposizzjoni taghha hija kellha 26 sena. Kull fejn kienu jmorru l-imputati hi kienet tmur maghhom. L-imputati kienu jahsbu jaghmlulha l-arrangamenti ghall-ivvjaggar. Kif spjegat Omissis, hi u Robert ma kinux gew Malta mal-imputata u Omissis. Dan ghaliex hija kellha xi problema b'xi karti u Robert l-imputat mar l-Ungerija biex propju jghinha tirranga l-karti: *"Anico and Omissiscame to Malta she did not come with them because she had to*

*remain in Hungary to arrange the papers. Then Robert went to Hungary because of her and the baby so they travelled together Robert, Omissis and the baby together to come to Malta."*[16]

(d) L-istess imputati kienu anke jiehdu hsieb li jipprovdu residenza ghall-istess Omissis. Omissis ghamlet zmien toqghod fil-post li minnu kienet issir il-prostituzzjoni u meta imbaghad kellha t-tarbija hija marret toqghod mal-istess imputati. Meta imbaghad giet Malta f'Settembru 2017 *"When she arrived the house was already for them."*[17]

(e) Apparti minn hekk fejn jidhlu flus generati mis-servizzi sesswali provduti mill-parte civile, dawn kienu jigu percepiti direttament mill-imputati. Ghall-bzonnijiet personali taghhom, l-parte civile riedu bil-fors jitolbu lill-imputati, anke jekk per ezempju Omissis riedet il-hrieqi ghat-tarbija taghha: *"So the whole amount had to be handed to Robert. They did not get a share from that. If they needed somehting they told him to buy it and he bought it for them. They didn't have their own money to spend."*[18] Dan kollu huwa wkoll korraborat mill-vittma l-ohra Omissis:

> *"Pros: After she met with the client what she used to do, you said how much to charge, who the money, what would happen ?*

[16] Fol. 42 tal-process.
[17] Ibid fol. 42 tal-process.
[18] Fol. 34 tal-process.

*Interpretu: She used to hand over the money to Anico and Anico used to put it somewhere.*

*Pros: Was she given any money ?*

*Interpretu: They didn't give her money but they bought her things waht she wanted, but she didn't get actual cash in her hands."*[19]

(f) Il-parte civile spiccaw wkoll f'sitwazzjoni fejn anke jekk riedu ma setghux johorgu minn dan ic-cirku li inqabdu fih. Infatti fid-deposizzjoni taghha Omissis tixhed: *"She was paying attention to her baby instead of herself. If she would have left this kind of job the baby would have ended without nothing."*[20] Dan aktar jkompli jindika kemm il-parte civile kienu f'posizzjoni vulnerabbli.

(g) Il-parte civile wkoll gew traffikati ghall-iskop specifiku ta' prostituzzjoni. Tant hu hekk li l-istess imputati wara li hadu hsieb jirreklutawhom, kienu jiehdu hsieb il-logistika kollha b'rabta max-xoghol ta' prostituzzjoni. Dan kif jinsab indikat aktar 'l isfel f'din is-sentenza. Ghalkemm l-imputati infushom jichdu li huma kellhom x'jaqsmu mas-servizzi sesswali li kienu qeghdin joffru parte civile, fil-verita kien hemm mekkanizmu shih li hadd hlief l-imputati ma kien responsabbli minnu: reklamar, kera ta'

[19] Fol. 191 tal-process.
[20] Fol. 37 tal-process.

appartament ghall-uzu ta' prostituzzjoni, zamma ta' appuntament u gbir tal-flus generati mill-prostituzzjoni;

Tenut kont is-suespost, l-ewwel imputazzjoni ghalhekk tirrizulta ippruvata.

**<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Imputazzjoni Imputazzjoni: Thajjir ghall-Prostituzzjoni (Artikolu 205(a)(b)) u Ghixien fuq Qliegh mill-Prostituzzjoni (Artikolu 7(1) u (3) tal-Kap. 63)</u>**

Dawn iz-zewg imputazzjonijiet sejrin jigu trattati flimkien peress li l-kunsiderazzjonijiet huma simili ghat-tnejn.

Din il-Qorti lanqas m'ghandha dubju u hija moralment konvinta li kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-imputati, huma kienu qeghdin **<u>konsapevolment</u>** jiggestixxu n-negozju ta' servizzi sesswali li kienu qeghdin jipprovdu l-parte civile. Mhux biss kienu l-mohh wara dan in-negozju li kien qieghed isir izda kienu wkoll qeghdin jippercepixxu l-qliegh li kien qieghed jigi generat mill-prostituzzjoni. Dan johrog mis-segwenti fatturi:

(a) l-imputata kienet tiehu hsieb il-logistika kollha wara l-appuntamenti tal-klijenti. Kienet hi li tiftiehem mal-klijenti x'riedu ezatt, kemm kien se jitla' l-prezz ghas-servizz rikjest kif wkoll il-hin kemm kien se jdum il-klijent mal-prostituta. Omissis kienet cara dwar kif kienu jahdmu l-affarijiet:

*Pros: And what did the job entail and who decided what she would do with a client ?*

*Interpreter: So when Anico answer the phone the customer decided what they want, some of them wanted to get drunk or take drugs or the girls had to make them happy.*

*Pros: What does she mean by happy ?*

*Interpreter: So they had to . . . . . music, dance and they had to have sex with them.*

*Pros: Ok but who gave these instructions ? Was it directly from the client ?*

*Interpreter: The customer give the specific instructions. The customer decided if he want to see the girls in high heels or what kind of dress they want them to see.*

*Pros: And who tell them, so basically who tell her what client wanted ?*

*Interpreter: Anico."*[21]

[21] Fol. 35 tal-process.

Dak li tghid Omissis huwa wkoll korraborat minn Omissis.[22]

(b) l-unika persuna li kienet taf bl-Ingliz (apparti Omissisli kienet kompletament estraneja ghal dak li kien qieghed jigri) kienet l-imputata. Kienet hi li tibghat il-messaggi bl-Ingliz lill-klijenti ghaliex kif anke sostna Omissis fid-deposizzjoni tieghu il-parte civile ma kinux jafu jitkellmu l-Ingliz u zgur li ma setghu qatt jaslu biex jibghatu t-tip ta' messaggi li kienu qeghdin jintbaghtu bl-Ingliz. Fi kliem Omissis: *"Meta gew mitkellma imbaghad sussegwentement Omissis u Omissis seta' jigi nnotat li l-Ingliz taghhom kien hafna limitat anzi limitat immens li hlief il-kliem baziku mmens bhal hello u no u yes dawn kinux jafu jghidu."*[23] Din il-Qorti rat il-messaggi li kienu qeghdin jintbaghtu u li gew estrapolati mill-espert tal-Qorti Omissis. Il-messaggi ma kinux qeghdin jintbaghtu minn xi hadd li jaf biss "hello", "yes" u "no". Il-fatt li l-imputata biss kienet taf bl-Ingliz jammettuh wkoll l-istess imputati. Infatti meta mistoqsija ghalfejn il-kuntratt tal-kera kien sar fuq isem l-imputata, it-twegiba kienet ghaliex hija taf bl-Ingliz u riedet tghin lill-parte civile!;

(c) il-mobiles kienu jkunu taht il-kontroll tal-imputati. Infatti fil-mument li saret it-tfittxija fl-appartament, il-mobiles instabu fil-kamra tas-sodda tal-imputati. Dawn in-numri tal-mobiles kienu l-istess li kienu qeghdin jidhru fuq il-website fejn kien hemm ir-reklami tal-parte civile. Numru minnhom li kien gie indikat ghal tali reklamar kien propju n-numru li l-imputat tat lill-iskola fejn

[22] Fol. 191 tal-process.
[23] Fol. 351 tal-process.

kienet tattendi bintha biex jekk l-iskola jkollha bzonn taghmel kuntatt maghha minhabba bintha, l-iskola tkun tista' taghmel dan il-kuntatt. Din hija prova skjaccanti li tikkonferma kemm l-imputata kienet mhux biss konxja tal-attivita ta' prostituzzjoni li kienet qieghda issir izda li effettivament kellha sehem dirett fl-organizzazzjoni tal-istess u kienet qed tuza direttament il-mobile taghha ghal dan ix-xoghol. Altru ghalhekk li ma kinitx estraneja ghal dak li kien qieghed isir;

(d) fejn jidhlu reklamar tas-servizzi sesswali, l-imputata kienet hadet hsieb li hija tiehu r-ritratti u anke tindika l-pozi li kellhom joqghodu fihom l-imputati. Kienet wkoll hadet hsieb li ittella' dawn ir-ritratti fuq l-internet. Assolutament mhux verosimili li l-imputata kienet ghamlet dan purament bi pjacir ghall-parte civile. Ir-ritratti ittiehdu wkoll bil-mobile tal-imputat. Li kieku wkoll ma kienx hemm l-involviment tal-imputati f'dan kollu, zgur li ma kinux se joqoghdu jiehdu ritratti provokanti bil-mobiles propji taghhom u tali ritratti jibqghu a disposizzjoni taghhom fuq il-mobile;

(e) il-kuntratt tal-kera tal-appartament minn fejn kienet qieghda issir il-prostituzzjoni kien qieghed fuq isem l-imputata. Dan mhux kontestat mill-imputati. Jsostnu biss li kien gara hekk ghaliex Omissis li kienet tirrisjedi f'dan l-appartament ma kinitx taf bl-Ingliz u allura l-appartament kien inkera fuq isem l-imputata. Tant hu hekk li meta kien hemm kwisjtoni fuq il-water heater fl-

appartament, kienet l-imputata stess li marret biex issolvi din il-kwistjoni;

(f) il-qliegh mill-attivitajiet sesswali kien qieghed jigi percepit direttament mill-imputati. X'hin wiehed iqis li: (i) l-imputati kienu qeghdin ihallsu kera ta' appartament ammontanti ghal elf ewro fix-xahar; (ii) li l-imputata kellha paga ta' bejn elf u elf u mitejn ewro fix-xahar u zewgha ma kienx qieghed jahdem hawn Malta; (iii) ma kinitx ilha zmien twil tahdem. Fil-fatt skont ir-records tal-Jobsplus hija giet registrata li bdiet tahdem f'Ottubru 2017 u giet arrestata f'Novembru 2017; (iv) l-imputat ghamel zmien ma jircevix flus minn barra u lanqas ma ingabet xi prova li huwa tela' jigbor xi flus mill-Ungerija; (v) baqghet ma ingabitx prova tan-negozju ta' trasport ta' passiggieri li l-imputat jghid li kellu l-Ungerija; (vi) saru diversi transazzjonijiet ta' flus mill-imputati lil terzi persuni, bil-fors li l-imputati kien qed ikollhom sors iehor ta' dhul. Ma ingabet l-ebda prova tangibbli da parti tal-imputati biex jiggustifikaw il-provenjenza legali ta' dawn il-flus. Tenut kont wkoll li kif xehdu l-parte civile il-flus kienu jghadduhom lill-imputati, bil-fors li l-flus li kellhom a disposizzjoni taghhom l-imputati kienu gejjin mill-prostituzzjoni.

It-tieni u t-tielet imputazzjoni ghalhekk wkoll jirrizultaw pruvati sal-grad li trid il-ligi.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni - Ezercizzju ta' Burdell (Artikoli 8(1) u (3) tal-Kap. 63)**

L-artikolu 8(1) tal-Kap. 63 jistabilixxi li: *"Kull min iżomm jew jeżerċita jew ikollu sehem ma'oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-priġunerija għal żmien ta'mhux iżjed minn sentejn u multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87)."* It-tielet sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jkompli jghid li: *"Persuna titqies li għandha sehem fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom għal skopta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, kemm-il darba hija tieħu sehem direttament jew indirettament minn xi qligħ ta'dak l-eżerċizzju jew tieħu parti attiva fl-eżerċizzju ta' burdell, dar,ħanut jew lokal ieħor jew ta' parti minnhom."*

Mill-provi prodotti u mill-kunsiderazzjoni maghmula aktar 'l fuq m'hemmx dubju li l-imputazzjoni taht l-artikolu 8(1) tal-Kap. 63 wkoll tirrizulta pruvata. Kif gia sottolineat l-imputati mhux biss kellhom sehem dirett fl-organizzazzjoni tal-appuntamenti ghad-diversi klijenti izda wkoll kienu qeghdin jiehdu l-qliegh percepit mis-servizzi sesswali li kienu qeghdin jigu offruti. Apparti minn hekk fil-kaz ta' Omissiskienu wkoll izommulha t-tarbija b'mod regolari biex hija tkun tista' tmur tipprostitwixxi ruhha. Kif gia inghad mhux verosimili li kienu jzommu t-tarbija medja ta' hames darbiet fil-gimgha u fl-istess hin ma kinux jkunu jafu Omissisx'kienet qieghda taghmel f'dak il-hin.

**<u>Il-Hames Imputazzjoni - Uzu ta' Propjeta bhala Burdell (Artikolu 9 tal-Kap. 63) u l-Kiri ta' Fond ghall-Iskop ta' Prostituzzjoni (Artikolu 10 tal-Kap. 63)</u>**

L-artikolu 9 tal-Kap. 63 jistabilixxi li: *"Kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xaharsa sitt xhur."* L-Avukat Generali indika wkoll fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju li setghet tinstab htija taht l-artikolu 10 tal-Kap. 63 li jattribwixxi responsabbilita kriminali lil sid il-propjeta jew dak li ghandu l-amministrazzjoni tal-propjeta li jaghti b'kiri jew inkella jippermetti li l-propjeta tieghu tintuza ghall-skopijiet ta' kostituzzjoni.

Ir-reati taht dawn iz-zewg artikoli huma intizi sabiex jigi punit is-sid tal-fond li minnu jkun qed tigi gestita l-prostituzzjoni. L-artikolu 9 jipprospetta xenarju fejn is-sid jibqa' fil-kontroll tal-post u jhalli u jippermetti (waqt li hu stess ghandu l-kontroll tal-post) li l-fond jigi uzat ghall-skopijiet ta' prostituzzjoni. L-artikolu 10 jipprospetta xenarju differenti fejn is-sid ma jibqax fil-kontroll tal-post izda jaghtih lil terzi b'kiri jew jhalli lil terzi jaghmlu uzu minnu ghall-prostituzzjoni. Dawn ir-reati ma jistghux jirrizulta fil-kaz odjern stante li l-imputati ma kinux is-sidien tal-appartament minn fejn kienet qieghda issir il-prostituzzjoni. Huma kienu qeghdin jikru l-appartament minghand terzi persuni kif sewwasew irrizulta mill-provi prodotti.

Il-hames imputazzjoni ghalhekk ma tirrizultax.

L-Avukat Generali indika wkoll fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju li tista' tinstab htija taht l-artikolu 18 tal-Kap. 63. Dan l-artikolu pero ma jezistix.

**<u>Is-Sitt Imputazzjoni – Biza li Sejra Tintuza Vjolenza Kontra l-Parte Civile (Artikolu 251B).</u>**

Kif gia kellhom l-opportunita jesprimu ruhhom il-Qrati taghna, ghall-sejbien ta' htija taht dan l-artikolu, jehtieg li jkun hemm *"a course of conduct", jigifieri li kien hemm serje ta' incidenti bejn il-partijiet tul medda ta' zmien, liema serje ta' incidenti iqanqlu biza' fil-vittma li ser ikun hemm ripetizzjoni ta' vjolenza fuqha bhal ma suppost ikun gia' sehh fil-passat."*[24] Fid-deposizzjoni taghha Omissis ma taghmel l-ebda referenza ghal xi incidenti partikolari li gaghluha tibza' li sejra tintuza vjolenza kontra taghha. Fir-rigward tal-parte civile l-ohra Omissis Omissis, din tistqarr biss li l-imputati: *"When they were in a good mood they treated her well, when they were in a bad mood, up to their mood both Anico and Robert. . . . . When they had a bad day they were treating her bad, shouting at her, tell her to go to hell and stuff like this."*[25] Il-parte civile ma dahlitx f'dettajli ezatt dwar x'kien qieghed jigri. Il-Qorti ma tqisx li dan jammontaw ghall-incident li huma sufficjenti biex iqanqlu biza' fil-vittma u ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta li hija pruvata.

---

[24] Ara **Pulizija vs Christian Cucciardi et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Gunju 2018.
[25] Fol. 191 tal-process.

Omissis tistqarr wkoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn: *"Robert punched her in the nose and Anico used to beat her up, not once"*, provi dwar dan fil-forma ta' certifikati medici, ritratti ta' griehi, ecc ma ingabu xejn. Dan apparti l-fatt li tali fatti ma jammontawx ghall-fattispecie kontemplati fl-artikolu 251B izda se mai ghal reati ohra li mhumiex indikati fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju tal-Avukat Generali.

Apparti li dan ma jammontax ghar-reat kontemplat taht l-artikolu 251B tal-Kap. 9 izda se mai ghal reati ohra li mhumiex indikati fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju, ma ingabux provi sufficjenti biex jissostanzjaw din l-allegazzjoni.

In vista li mhux qed tinstab htija tal-imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 251B, l-aggravvji ta' piena kontemplati fl-artikoli 222(1)(a) u l-artikolu 202(h)(v) mhumiex applikabbli.

**<u>Is-Seba' Imputazzjoni – Stupru fuq il-Persuna ta' Omissis</u>**

Fl-ewwel ma' tista' tinstab l-ebda htija ghal din l-imputazzjoni ghar-raguni li l-artikolu relattiv ghal din l-imputazzjoni (l-artikolu 198 tal-Kap. 9) ma giex indikat fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju tal-Avukat Generali. Apparti minn hekk l-atti fihom karenza assoluta ta' provi fejn tidhol din l-imputazzjoni. Ghalhekk assolutament ma tistax tigi attribwita l-ebda htija lill-imputat in konnessjoni ma' din l-istess imputazzjoni.

**It-Tmien Imputazzjoni - Ir-Ricediva**

Ir-ricediva tal-imputat assolutament ma rrizultatx. Dan ghaliex il-fedina penali taghhom hija wahda netta u ma ingabet l-ebda prova li seta' kien hemm xi kundanni ohra minn pajjizi tal-Unjoni Ewropea. Il-fatt li l-imputati setghu kienu qeghdin jigu investigati f'gurisdizzjonijiet ohra Ewropej minghajr l-ebda hjiel ta' kundanni definittivi assolutament m'huwa ta' ebda komfort ghal din l-akkuza.

**Piena**

Fil-kalibrazzjoni tal-piena li taghhom l-imputati sejrin jinstabu hatja, din il-Qorti sejra izzomm quddiem ghajnejja dak li ikkumentat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs omissis Paul Ellul ommissis** deciza fis-sebgha (7) ta' Dicembru 2005 meta kienet qed tittratta dwar reati simili ghall-kaz odjern. Il-Qorti kienet sostniet li dawn ir-reati huma: "*serjissimi u aborrenti u ghalhekk is-socjeta` ghandha jkollha l-protezzjoni tal-Qorti*" u li "*dawn ir-reati qed jikkagunaw firda fil-familja Maltija u ghalhekk tesigi li min jinsab hati ta' ghemil simili ghandu jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena.*"

**DECIDE**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) Mhux qieghda issib lill-imputati hatja tal-hames (5), tas-sitta (6), tas-sebgha (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u qieghda ghalhekk tilliberahom minnhom;

(b) U wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31, 205(a)(b), 248A(1)(a) (2), (3), 248A(2), 248B, 248E(1), 382 A, 383, 384, 386 u 412C, 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 7 (1) (3), 8 (1) (3) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib liz-zewg imputati hatja tal-ewwel (1), it-tieni (2), ittielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u qieghda tikkundannahom lil **Robert Attila Majlat ghall-piena ta' tnax (12) -il sena prigunerija u lil Robert Attilane Majlat ghall-piena ta' tnax (12) -il sena prigunerija b'kollox erbgha u ghoxrin (24) sena prigunerija bejniethom.**

Il-Qorti tordna wkoll sabiex a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 jigu konfiskati a favur il-Gvern ta' Malta d-dokumenti kollha markati minn RS 1 sa RS 15 konsistenti f'telefons cellulari, laptop, Ipad/Tablet u Sim Card starter pack li gew esebiti fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2018 stante li mill-provi prezentati dawn l-oggetti gew uzati fil-kommissjoni tar-reati li taghhom l-imputati instabu hatja.

Il-Qorti qieghda tordna wkoll li tinhareg **Ordni ta' Protezzjoni** ai termini tal-Artikolu 412 C (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-parte civile Omissis u Omissis ghall-**perijodu ta' hames (5) snin** u dan taht il-kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputati sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallsu bejniethom u fi kwoti indaqs l-ammont totali ta' elf, sitt mija, erbgha u disghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,694.92) rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti tordna wkoll sabiex kopja tad-dokumenti kollha li gew prezentanti mar-rikors tal-imputati fit-tmintax (18) ta' Settembru 2019 jigu komunikati lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni halli jidentifika jekk sarx xi tentattiv biex ikun hemm il-korruzzjoni tax-xhud Omissis  li xehdet f'dawn il-proceduri u jekk fl-affermattiv sabiex l-istess Kummissarju imexxi skont il-ligi fil-konfront tal-persuni li jirrizulta li ikkomettew tali reat.

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna wkoll divjet fuq il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-vittmi u tax-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri u dan sabiex tigi protetta l-identita tal-istess vittmi.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**